

# Malta u l-Mosta f'nofs is-seklu dsatax

Kitba ta' Keith CILIA DEBONO



L-ewwel snin tas-seklu dsatax raw il-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta. Wara t-tmiem tal-gwerer ta' Napuljun, waqa' għaks kbir fuq il-gżejjer Maltin. Il-prezz tal-qoton, li kienu jaħdmu u jesportaw u li fuqu kien jiddependi ħafna mill-qligħ fl-inħawi rurali, ma baqax kompetittiv fi swieq barranin. Il-bdiewa bdew ikabbru l-qamħ flok il-qoton, iżda ma kienx hawn qamħ biżżejjed għall-popolazzjoni u ħafna qamħ baqa' jinġieb minn barra, bħalma kien isir qabel żmien l-Ingliżi. Kien hawn dak iż-żmien fis-seħħ tariffi qawwija li mhux biss kienu jiskoraġġixxu l-importazzjoni tal-qamħ f'Malta, iżda kienu wkoll iżommu l-prezz tiegħu għoli u ma kenux qed jgħinu biex joktor il-ġid fil-pajjiż. Epidemiji ta' spiss kienu jġibu ħsara u qerda l-aktar fost il-foqra. Fost dawn kien hemm il-pesta tas-sena 1813 li ħalliet ħerba.

Kien minħabba f'din is-sitwazzjoni mwegħra li l-Kappillan tal-Mosta Dun Feliċ Calleja qagħad itella' u jniżżel qabel ħa d-deċiżjoni li tinbena knisja ġdida li kienet meħtieġa biex tieħu post il-qadima u biex taqdi aħjar il-bżonnijiet tal-parruċċani tiegħu.

Il-Mosta nħakmet mill-pesta tas-sena 1813 u minn epidemiji oħrajn li mhux biss qerda l-ħajja tan-nies, iżda wkoll ġabu tħarbit fl-agrikoltura, billi mardu nies li jaħdmu r-raba. Fl-aħħar Dun Feliċ li kien ġa mdaħħal fiż-żmien qatagħha li jagħti bidu għall-bini ta' knisja ġdida. Wara li nieda konkors għal disinn ta' knisja ġdida, kien ftit biss qabel ma miet fis-sena 1832, mimli bl-għomor, li qabbad lill-arkitett, Inġinier Ġorġ Grongnet iwettaq il-proġett tar-Rotunda. Dan il-proġett grandjuż li kien jaqbel mal-ħsieb ta' Dun Feliċ u li ntgħoġob mill-Mostin tkompla wara l-mewt tal-Kappillan, u bl-għajnuna ta' Alla, tlesta għalkollox wara sebgħa u għoxrin sena ta' ħidma, tbatija u qtigħ il-qalb.

## Viżitaturi fil-Gżejjer Maltin u fil-Mosta

It-turiżmu dak iż-żmien kien prattikament ineżistenti. Madankollu, kont issib viżitaturi importanti li dehrilhom li kellhom isemmu lill-Mosta fir-rakkonti tagħhom. Ta' min wieħed isemmi lil Andrew Bigelow[1], lil Percy Badger u lil Thomas Mc Gill li ħareġ ktieb fl-1839, jismu *'A Handbook or Guide for Strangers visiting Malta'* u li kien intiż għal stranġieri u turisti li kienu jżuru Malta dak iż-żmien. Fost dawn kien hemm kbarat bħal Lord Albert Denison (jew kif kienu jafuh ukoll Lord Albert Londesborough) fl-1849. Lord Denison baqa' mistgħaġeb bl-opra tal-bini tal-Knisja Rotunda li kienu daħlu għaliha l-Mostin. Kienet ħidma tassew kbira, mhux biss meta wieħed jara l-kobor tal-proġett, iżda aktar u aktar meta wieħed iqis il-faqar li kienu jinsabu fih in-nies tar-raħal dak iż-żmien[3].

Fl-1848, fl-1849 u fl-1866, l-awtur u pittur Ingliż Edward Lear ġie jżur il-gżejjer Maltin, u żar ukoll lill-Mosta. Fl-aħħar żjara tiegħu, jiġifieri fl-erba' xhur tax-xitwa ta' bejn l-1885 u l-1866, huwa kien jgħix fid-dar numru 9 fi Triq it-Torri f'Tas-Sliema. Edward Lear hu magħruf li fost il-bosta vjaġġi tiegħu fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani u fl-Indja, kien iħobb iżur, ipinġi u jikteb f'ġurnali u f'ittri lejn art twelidu, postijiet li f'dawk iż-żminijiet ma kenux normalment iffrekwentati mill-vjaġġaturi.

## Min kien Edward Lear


Edward Lear (1812-1888)

Edward Lear kien pittur, awtur u vjaġġatur Ingliż, magħruf l-iktar għall-kitbiet kollhom ċajt li jimirhu fl-assurd, fosthom poeżija *'The Owl and the Pussycat'*. Madankollu, kif tistqarr Vivan Oakes fil-bijografija ta' ħajtu, *'The Life of Wanderer'*, il-proża u l-kitba ta' Lear kif ukoll il-bosta vjaġġi kienu jirriflettu ħajja melankonika u ta' tbatija fiżika u interjuri li għadda minnha Lear tul ħajtu kollha.

Din it-tbatija bdiet minn ċkunitu. Huwa kien il-wieħed u għoxrin wild ta' Jeremy u Ann Skerrett Lear, u l-iżgħar wieħed li baqa' ħaj fl-ewwel snin ta' ħajtu. Madankollu, kien bniedem marradi; ma tantx jara, ibati minn problemi tan-nifs, u anke minn attakki epilettiċi. Apparti minn hekk, il-familja għaddiet minn problemi finanzjarji kbar, li ġagħlet lil ommu tħalli lil Edward għall-kura ta' oħtu l-kbira, Ann. Lear ħass li ommu abbandunatu, l-iktar wara li l-qagħda finanzjarja fil-familja tjiebet u hi xorta ħalliet il-kura tiegħu f'idejn oħtu. Ta' sittax-il sena beda anke jbiegħ xi tpinġijiet tiegħu, fosthom lil xi kbarat bħal Earl of Derby. It-

talent ta' Lear tant għoġob lil Earl ta' Derby li dan saħansitra bagħtu Ruma minn butu sabiex jitħarreġ fil-pittura ta' xeni fotografiċi. Kien f'Ruma li Lear intefa' wkoll jikteb versi u tpinġijiet għat-tfal u li għamel ukoll ħbiberiji kbar fosthom ma' Chicheter Fortescue) Lord Carlingford). Il-korrispondenza ta' bejniethom, illi tinkludi wkoll dettalji dwar il-vjaġġi ta' Lear f'Malta, inġabret u ġiet ippubblikata fi ktieb ta' żewġ volumi minn Lady Constance Strachey.

Lura l-Ingilterra, Lear għamel ħbiberiji mal-poeta Ingliż Alfred Tennyson li ddedikalu poeżija *"To E. L., on His Travels in Greece"* u mal-pittur pre-Rafaelit Holman Hunt. Il-klima Ingliża madankollu ma kenitx tgħodd għas-saħħa dgħajfa ta' Lear, tant li fl-1855, iddeċieda li ma jgħixx aktar l-Ingilterra u jterraq f'postijiet iktar sħan.


LETTERS
OF
EDWARD LEAR
AUTHOR OF "THE BOOK OF NONSENSE"
TO
CHICHESTER FORTESCUE
LORD CARLINGFORD
AND
FRANCES COUNTESS WALDEGRAVE

EDITED BY
LADY STRACHEY
OF
SUTTON COURT

ILLUSTRATED

NEW YORK:
DUFFIELD & COMPANY
36-38 WEST 37th STREET

**Letters of Edward Lear, edited by Constance, Lady Strachey (London: Unwin, 1907)**

Għalkemm kellu ħafna ħbiberiji, fosthom persuni prominenti, Lear għex il-biċċa kbira ta' ħajtu waħdu, akkumpanjat biss mill-qaddej tiegħu Giorgio Kokali mill-1856 sal-1883, u l-qattus Foss mill-1871 sal-1887. Huwa qatt ma żżewweġ. Huwa miet kważi waħdu f'Ruma fid-29 ta' Jannar 1888. Minkejja dan, l-aħħar kliem ta' Lear lill-qaddej tiegħu kienu ringrazzjament għal dak kollu li ħbiebu wrew miegħu tul ħajtu kollha.

**It-tpinġijiet ta' Lear**

Lear kellu mħabba speċjali lejn ġmiel in-natura ta' Malta u kien partikolarment issaħħar mis-sbuħija tal-gżira ta' Għawdex. F'ittra li ġġib id-data tat-13 ta' April 1866, Lear jistqarr lil Kuntessa Ingliża, Frances Waldegrave, illi l-mawra ta' ġimgħa li kellu f'Għawdex mis-16 ta' Marzu, 1866[4], kienet 'waħda mill-iktar pjaċevoli, u bl-għajnuna ta' Giorgio <Kokali> pinġejt kull parti minnha, tul il-mixjiet <fil-gżira Għawdxija> ta' bejn ħmistax u għoxrin mil kuljum' (Banerjee, 2010)[5]. Fost dawn il-pitturi dwar Għawdex insibu *Fungus Rock, Gozo; Rabato Gozo; Xlendi, Gozo – Scklendi, Gozo u 'Gran Fontana'* (L-Għajn il-Kbira tal-Fontana, Għawdex) u li llum tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, fil-Belt Valletta.

Fl-istess perjodu pitter ukoll għadd ta' tpinġijiet bl-akkwarell f'Malta fosthom *'Fomm ir-Riħ'*. Din il-pittura spiċċat għand Sir Harry Luke li kien Logotenent Gvernatur tal-Gżejjer Maltin bejn l-1930 u l-1938. Sir Harry Luke kien minn naħa tiegħu taha bħala rigal lil ħabib tiegħu Olaf Gollcher.

Kif jixhdu bosta mill-pitturi ta' Lear, jidher li bħala artista, huwa sab ruħu fi żmien ta' tibdil f'kurrenti artistiċi. Minn banda naraw l-imħabba li kellu Lear lejn l-ivjaġġar u n-natura u li kienet tipika tal-Moviment artistiku Romantiku. Mill-banda l-oħra, ta' min jinnota d-daqqa ħafifa tal-pinzell kif ukoll l-ispontanjetà li Lear jesprimi f'bosta mit-tpinġijiet tiegħu. Mhux l-ewwel darba per eżempju li Lear iħażżeż il-ħin eżatt li fiha jkun qed ipitter ix-xena filwaqt li jikteb ukoll dak li qed jara u jisma' dak il-ħin stess. Dawn it-tpinġijiet jagħtu indikazzjoni tal-influwenza tal-Impressjoniżmu, li f'dawk iż-żminijiet kien fil-perjodu bikri tiegħu. L-Impressjoniżmu f'dawk iż-żminijiet kien qed jixxettel b'mod speċjali fi Franza, b'influwenza bbażata fuq xogħlijiet artistiċi bħal dawk ta' artisti Romantiċi bħal Eugène Delacroix u J.M.W. Turner. Iktar milli dettall fid-daqqiet ta' pinzell, l-Impressjonisti kienu iktar jenfasizzaw fuq effetti viżwali fil-pittura. Għalhekk, iktar milli jirfinaw il-pitturi tagħhom fl-għeluq tal-*istudio*, l-Impressjonisti kienu jiksru r-regoli mgħallma fil-pittura sa dawk iż-żminijiet u jlestu x-xogħlijiet artistiċi tagħhom, barra, fl-arja aperta. Dan huwa fil-fatt kif jidher li għamel Lear ukoll[6]. Għalhekk, Lear, bħal artisti Impressjonisti li bdew jidhru speċjalment fis-snin ta' wara, jista' jitqies bħala rivoluzzjonarju fid-dinja artistika kif kienet għadha magħrufa u mgħallma f'dawk iż-żminijiet.



**Edward Lear (1812-1888),** *Fomm ir-Riħ,* **1866 (http://www.palazzofalson.com/content.aspx?id=73916)**

**Il-Mosta fil-pitturi ta' Lear**

Jidher li Edward Lear issaħħar sewwa wara Wied il-Għasel u l-Knisja Rotunda li dak iż-żmien kienet fis-sitt sena tat-tlestija tal-bini tagħha. Dan jixhdu diversi tpinġijiet fl-akkwarell murija hawn taħt.

Din il-pittura *Rocky Valley of Musta* illum tinsab fil-Yale Centre for British Art, fl-Univesità ta' Yale, Conneticut, l-Istati Uniti. Il-Yale Centre jiġbor fih l-akbar għadd ta' xogħlijiet artistiċi u letterarji barra mir-Renju Unit, minn żmien ir-Reġina Eliżabetta I 'l hawn. Il-pittura ġġib id-data tat-3 t'April 1866 u fis-siegħa ta' wara nofsinhar, u fiha, Lear iħażżeż ukoll bil-kliem dak li kien qed jara u jisma', waqt li kien qed ipinġi x-xema, fosthom "żarżir tan-naħal u tad-dubbien,



Edward Lear (1812-1888), Rocky Valley of Musta, 3 April 1866, 1.00 p.m.



Edward Lear (1812-1888), Rocky Valley of Musta, 24 March 1866, 4/5 p.m.

għana tal-għasafar, tfal jiġru lejn il-Kappella <ta' San Pawl Eremita>..."[7]. Din id-deskrizzjoni grafika u miktuba teħodni f'xena oħra, li l-kompożitur Alfred C. Sant, flimkien mal-mibki vokalista tan-*New Cuorey*, Sammy Bartolo, iwasslu permezz tal-għanja *'L-aħħar bidwi f'Wied il-Għasel'* fl-1976. F'din l-għanja, għandna xena ta' telqa – 'raba' sdingat', abbandun – 'spiċċaw l-ulied jaħdmu fl-ibliet...' u solitudini – 'wara l-moħriet naħdem fis-skiet, l-aħħar bidwi f'Wied il-Għasel hu jien'. X'differenza minn mitt sena qabel!



Edward Lear (1812-1888), Rocky Valley of Musta, 3 April 1866, 2.15 p.m.

Pittura oħra ta' Lear, bl-istess isem ukoll tinstab fil-Yale Centre for British Art. Skont it-tħażżiż ta' Lear, din tidher li tpittret fl-istess ġurnata iżda xi siegħa wara l-oħra u lil hinn aktar mill-Kappella ta' San Pawl Eremita.

Pittura oħra ta' Lear bl-istess tema fil-Yale Centre of British Art hija mniżżla li saret xi jiem qabel, jiġifieri fl-24 ta' Marzu 1866 bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar. Meta wieħed iħares lejn il-pittura, imqabbla maż-żewġ pitturi li saru daqs sagħtejn jew aktar wara nofsinhar, fl-istess żmien, ma jistax ma jinnotax l-effett immedjat tad-dawl tax-xemx fuq ix-xena li qed tiġi mpittra dak il-ħin stess – indikazzjoni oħra tal-Moviment tal-Impressjoniżmu li bih kien influwenzat Lear.

Perspettiva oħra tal-Wied il-Għasel, din id-darba minn naħa ta' fuq, jidher fil-pittura ta' hawn taħt. Il-pittura turi l-Imdina fl-isfond u iktar fil-viċin turi wkoll tliet irġiel telgħin minn mogħdija mill-Wied – indikazzjoni oħra ta' ħajja attiva fil-Wied u madwar. Ta' min jinnota li l-Fortizza, f'Misraħ Għonoq f'dawn l-inħawi tat-tpinġija kif ukoll il-Pont kienu għadhom ineżistenti. Il-Fortizza nbniet fl-1883 u l-pont tal-ħadid li kellu jaqsam Wied il-Għasel għal aċċess għal din il-Fortizza nbena wara.



Edward Lear (1812-1888), A Distant View of Mdina

Max-xellug fl-isfond immedjat, tidher ukoll il-Knisja Rotunda. Sa dak iż-żmien però r-Rotunda, li kienet fis-sitt sena tagħha ta' użu spiritwali għall-Mostin ta' dak iż-żmien ma kienx għad kellha lanterna. Fil-fatt il-Laterna nbniet fl-1889 fuq id-disinn ta' Grongnet li fl-1866 kien diġà ilu erba' snin mejjet!

Pittura oħra fejn il-Knisja Rotunda iktar tispikka hija *'View from Citta Vecchia, Malta 5 p.m. April 3, 1866'*. Din il-pittura meħuda, did-darba minn naħa tal-Imdina, illum tista' titgawda fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, fil-Belt Valletta. Il-bini ta' madwar ir-Rotunda jidher donnu l-aktar mal-ġnub tagħha, possibilment fejn insibu Triq il-Kbira (dak iż-żmien, Via Strada Reale) u madwar. Fil-fatt, it-Triq il-Kungress Ewkaristiku (dak iż-żmien, Via Nuova Valletta) bil-bini tagħha kien għadha fil-bidu tagħha. It-triq kienet infetħet bejn 1853 u 1854.

Jidhru fl-isfond ukoll il-Gżejjer ta' San Pawl, għalkemm, minħabba 'l bogħod u għalhekk iċ-ċokon, l-istatwa ta' San Pawl ma tidhirx. L-istatwa ta' San Pawl li nħadmet mill-iskultur Mosti Salvu Dimech flimkien mal-imgħallem tiegħu Sigismondo Dimech tqiegħdet fuq il-gżejjer f'Settembru 1845. Salvu Dimech hu l-istess skultur tal-ewwel vara ta' Santa Marija li tlestiet fl-1868, sentejn wara din it-tpinġija tar-Rotunda.



**Edward Lear (1812-1888), View from Citta Vecchia, Malta 5 p.m April 3, 1866**

Pittura oħra ta' Edward Lear fejn ukoll tispikka l-Knisja Rotunda hija din murija hawn taħt. Wieħed jista' jinnota li l-kampnari (li jidhru ċari fil-pittura l-oħra mill-Imdina) f'din it-tpinġija ma jidhrux. Għalhekk probabilment li din tpittret minn naħa ta' fuq tal-Mosta fl-inħawi li jaqbżu l-Wied li donnu jingħata ħjiel tiegħu fl-art immejla sew fin-nofs, wara l-Knisja. Ukoll, minkejja l-attività li tidher f'dawn l-inħawi, ma tantx jidher bini. Ta' min jgħid li Triq il-Kostituzzjoni, it-triq ta' wara l-Knisja, u li magħha ġabet żvilupp f'dawn l-inħawi bdiet tinbena fuq sittin sena wara, fl-1929.



**Edward Lear (1812-1888), Musta (De Piro, 2002)**

## Għeluq

Fiż-żjajjar żgħar tiegħu, Edward Lear kien kapaċi joħloqilna tifkira tal-ewwel snin tal-Knisja Rotunda tagħna, kif ukoll tal-Wied użat mill-Mostin u n-nies ta' madwar, iżda li mhux mittiefes mill-iżvilupp. Il-Knisja kompliet tisbieħ speċjalment minn ġewwa meta bdiet tiġi mżejna sew b'opri tal-arti fis-snin ta' wara. Minn naħa l-oħra, kaġun ta' tibdil ekonomiku u soċjali, xogħlijiet infrastrutturali f'toroq u bini wasslet biex dejjem iktar tinħeba l-figura imponenti tal-Knisja ta' missirijietna fuq il-Mosta li ma nistgħux insejħulha iktar villaġġ. Il-wied nistgħu ngħidu wkoll li llum ukoll indifen fost il-bini ta' madwar, biex ma ngħidux ukoll li qiegħed dejjem jitnaqqar. Min jaf x'għad jgħidu fuqna ġenerazzjonijiet futuri meta jaraw dawn il-pitturi ta' Lear u jqabbluha mal-Mosta li jgħixu fiha?

**Bibliografija**


BANJERJEE Jacqueline (2010), *The Victorians in Malta: Part II (Society and Culture),* http://www.victorianweb.org/history/empire/malta/2.html, [29 ta' Novembru 2013]

BORG Joseph, *L- Istatwa Titulari tal- Mosta* www.freewebs.com/centinarju/StatwaTitulari.pdf [2 ta' Diċembru 2013]

CILIA DEBONO Emanuel (2011) Żjara lil Mosta fis-sena 1848, Festa Santa Marija 2011, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta

DE PIRO Nicholas (2002), *The International Dictionary of Artists who painted Malta*, Second Edition, AVC Publishers, Malta

Knisja Arcipretali Santwarju Mosta, *Informazzjoni dwar ir-Rotunda u festi f'Malta*, http://www.freewebs.com/mosta_rotunda , [2 ta' Diċembru 2013]

Malta Independent (2013), *A Maltese Biography – Professor of Laws , Sigismondo Dimech 1803-1880*, 10th October 2013

PALAZZO FALSON. *EDWARD LEAR (1812-1888), FOMM IR-RIH, 1866, WATERCOLOUR AND PEN ON PAPER, 24X45CM, http://www.palazzofalson.com/content.aspx?id=73916* [3 ta' Diċembru 2013]

Poetry Foundation *Biography Edward Lear* http://www.poetryfoundation.org/bio/edward-lear, [2 ta' Diċembru 2013]

RUMENS Carol (2009), *Books Blog - Poem of the week: Some Incidents in the Life of My Uncle Arly by Edward Lear* , http://www.theguardian.com/books/booksblog/2009/jul/27/poem-of-the-week-edward-lear, [2 ta' Diċembru 2013]

THE MUSEUM OF TOYS, *Pomskizillious*, http://www.themuseumoftoys.com , [2 ta' Diċembru 2013]

THE BIG BAND BROTHERS, *Ftakar - An album by the big band brothers*. http://ftakar.bigbandbrothers.com/, [4 ta' Diċembru 2013]